MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 843/2000/1

**Joan Agius**

**vs**

**Augustine Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Mejju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

(1) Tordna s-seprazzjoni personali bejn l-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut *stante* swat, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, theddid, abbandun, loghob ta' l-azzard u adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti.

(2) Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

(3) Takkorda lill-attrici manteniment xieraq ghaliha u ghal uliedha minuri, Mariorie, ta’ tlett (3) snin, Lynette, ta’ hames (5) snin u Beverley ta’ sitt (6) snin, skond il-ligi.

(4) Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsam l-istess komunjoni bejn il-partijiet mhux necessarjament fi kwoti ugwali.

(5) Tassenja d-dar konjugali esklussivament lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 19 ta’ Ottubru 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.14 tal-process fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponent jaqbel mat-talba attrici li din l-Onorabbli Qorti tordna s-separazzjoni personali ta’ bejnu u bejn l-attrici, b’dan illi tali separazzjoni hija kawza ta’ tortijiet imputabbli lill-attrici, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi ghalhekk isegwi illi l-effetti kollha ta’ l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma’ ghandux jigi applikat fil-konfront ta’ l-eccipjenti izda ghandu jigi applikat fil-konfront ta’ l-attrici.

3. Illi l-esponent jaccetta d-dmir tieghu ta’ manteniment versu wliedu minuri b’dan illi huwa ma’ hux dispost li jhallas manteniment ghall-attrici *stante* li din ghandha impjieg fiss kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

4. Illi l-esponenti kkommettiet adulteru waqt iz-zwieg u kien ghalhekk li l-hajja matrimonjali tal-konjugi bdiet titkisser.

5. Illi ghalhekk, isegwi illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xjolta b'mod illi l-eccipjenti jmissu aktar minn nofs indiviz.

6. Illi l-fond numru 7, Triq il-Plejju ta' Paris, B'Kara huwa propjeta` esklussiva ta' l-eccipjenti u kienet propju l-attrici li minn jeddha u sabiex tkun tista` komodament tkompli mal-habib taghha, telqet mid-dar propjeta` ta' l-eccipjenti u marret tghix ma' ommha.

7. Illi gia la darba l-attrici ma talbetx ghall-kura u kustodja tal-minuri, l-eccipjenti jissottometti illi l-minuri ghandhom ikunu fil-kura u kustodja tieghu u fin-nuqqas illi huwa jinghata l-fakolta` li jkollu access liberu u ampju.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.16 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi; u tal-21 ta' Frar 2001;

Rat il-verbal tas-seduti tal-20 ta' Settembru 2001; tal-11 ta' Jannar 2002 u tal-5 ta' April 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti li nzammu quddiem l-Assistent Gudizzjarju datati 9 ta' Marzu 2001 fejn ma sar xejn; 11 ta' April 2001 fejn bdiet tixhed fil-qasir l-attrici u xejn izjed; 16 ta' Lulju 2001 fejn ma sar xejn; 28 ta' Settembru 2001 fejn xehed Maverick Gatt u Alfred Gatt prodotti mill-attrici; 10 ta' Dicembru 2001 fejn sar kontro-ezami ta' l-attrici; 20 ta' Frar 2002 fejn ma sar xejn; 21 ta' Gunju 2002 fejn xehed il-konvenut minn jeddu u gew prezentati zewg affidavits ta' Maria Ellul u Monica Zammit;

Rat l-affidavit ta' l-attrici datat 4 ta' Gunju 2001 a fol. 23 tal-process; l-affidavit ta' Mary Agius a fol. 49 tal-process;

u l-affidavits ta’ Maria Ellul u Monica Zammit ipprezentati fil-21 ta’ Gunju 2002;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 17 ta’ Ottubru 2001 pprezenat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li jidher li baqa’ mhux notifikat minkejja d-digriet ta’ l-istess Qorti datat 15 ta’ Jannar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-25 ta’ Gunju 2002 u l-11 ta’ Dicembru 2002 fejn Dr. Edward Gatt ghall-konvenut iddikjara li m’ghandux provi izjed hlief li jiddikjara li kellu jesebixxi nota f’erbghin (40) gurnata bil-visto jew notifika lill-kontro-parti, tal-kuntratt tad-dar konjugali; tas-27 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti tat fakolta’ lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghall-25 ta’ Gunju 2003; tal-25 ta’ Gunju 2003 fejn l-attrici pprezentat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha u – konvenut inghata zmien ghall-prezentata tan-nota responsiva u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta’ April 2003.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Chris Cardona li permezz taghha rrinunzja ghall-patrocinju ta’ l-attrici, datata 25 ta’ Lulju 2002;

Rat in-nota ta’ l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi fejn ddikjarat li l-provi kwazi ngabru a fol. 101 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 11 ta’ Marzu 2003, ir-risposta datata 5 ta’ Mejju 2003 u d-digriet datat 8 ta’ Mejju 2003 a fol. 108 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 26 ta’ Mejju 2003; rat in-nota konguntiva tal-partijiet; ir-risposta tal-konvenut datata 27 ta’ Gunju 2003 u d-digriet datat 11 ta’ Settembru 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata 19 ta’ Dicembru 2002;

Rat ir-rikors datat 13 ta’ Ottubru 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 8 ta’ Marzu 2004.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) KAWZA ATTRICI.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni minn fejn jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fil-15 ta’ Marzu 1992 u minn dan iz-zwieg kien hemm tlett ulied Beverley, Lynette u Mariorie li ghadhom minorenni.

Illi l-attrici qed tallega li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut kawza ta’ swat, eccessi, sevizzi, ngurji gravi, mohqrija, theddid, abbandun, loghob ta’ l-azzard u adulterju fil-konfront taghha.

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali pero’ b’tortijiet imputabbli lill-attrici konsistenti f’adulterju.

### (II) PROVI PRODOTTI.

Illi **Joan Agius, l-attrici,** xehdet li sa minn qabel ma zzewwget lill-konvenut fil-15 ta’ Marzu 1992 huma kienu jillitikaw. Hija qalet li kienet tarah ihares lejn nisa ohrajn kif ukoll li hi kienet trid tfaddal il-flus u huwa kien jonfoq kull ma kellu. Meta zzewwgu baqghu ghaddejjin b’dan il-glied. Hija ma kenitx tarah bil-ghaqal.

Illi tmien xhur wara z-zwieg, meta kellha tlett xhur tqala’ bl-ewwel tarbija, kienu ggieldu sew u huwa kien kecciha mid-dar u biex tmur lura d-dar kellhom jindahlu l-Pulizija u l-Avukat taghha (Dok. “JA 1”). Wara ftit granet regghu rrangaw permezz taz-ziju taghha u regghet marret lura d-dar. Illi pero’ baqghu xorta l-istess – huwa dejjem irid ir-

ragun, jigdeb u mohhu fil-hmerijiet. Skond hija kien inemmes lin-nisa girien.

Illi bil-wasla tat-tieni tarbija l-affarijiet marru ghall-aghar. Huwa beda` jsawwatha u baqa' jkecciha mid-dar ghax kien jghid li l-post huwa tieghu biss, jghajjarha u ma jiehux hsieb flusu. Kien icahhadha mill-paga. Hija sostniet li kienet tghix bl-akkarija u b'dak li jtuha l-genituri. Hija kompliet li kien jghajjarha li ma kienet tajba ghal xejn, imaqdar l-ikel, jghajjarha ghax ma tafx skola u lit-tfal kien jghidilhom li ma kienet tajba ghal xejn.

Illi hija sostniet li l-fissazzjoni tieghu fin-nisa baqghet ghaddejja u sahansitra qabad ma' wahda li kienet toqghod faccata taghhom. Tant ma felhitx li darba kienet se tnehhi hajjitha. Illi l-flus li kienet iggemma d-dar kien johodhom kollha lura. Hija sadanittant baqghet tiehu hsiebu u lit-tfal. Wara li jmur lura mix-xoghol kien jiekol u jitlaq 'il barra. Darba minnhom fi Frar 1999 marru l-Pulizija ghalih, meta staqsietu x'gara qalilha li kien ircieva citazzjoni ghax ipparkja hazin meta fil-fatt hija rceviet citazzjoni minn fejn irrizulta li kien ghamel xi haga aktar gravi minn hekk (*vide* Dok. "JA 2").

Illi f'dan iz-zmien huwa beda` jonfoq izjed flus u lilha ma kienx itiha sodisfazzjon. Minn naha l-ohra, lilha u lil uliedhom kien icahhadhom mill-affarjiet essenzjali bhal ma huma l-ikel u l-hwejjeg. Infatti lit-tfal tlibbishom hwejjeg li jtuha n-nies. Illi huwa beda` jircievi hafna ittri minn barra minn Malta. Hija skopriet li huwa kien qed jilghab loghob ta' l-azzard minn fuq l-idejn w anke ma' barra minn Malta bhal Kanada u l-Awstralja (*vide* Dok. "JA 3" u Dok. "JA 4").

Illi meta f'Ottubru 1999 ikkonfrontatu fuq l-allegazzjoni li huwa kellha relazzjoni mal-mara ta' faccata taghhom huwa qabad itiha. Hija qalet hekk:

*"Fil-frattemp cempilt lil ommi biex nghidilha ccempel lil Pulizija madankollu peress li jiena ghandi difett u ma nitkellimx tajjeb ma fehemitnix izda t-telefon baqa' ma inqatghax. Bid-daqqiet li taghni, intlift minn sensija u domt aktar minn nofs siegha ma' l-art. Beverley, it-tifla l-kbira rat*

*kollox u bdiet tibki u tghajjat ghall-ghajjut – ommi minn fuq it-telefon semghet kollox.*

*Sadanittant gew ommi u missieri. Hu harab minn fuq il-post u ommi u missieri bdew jippruvaw iqajmuni. Ghamluli l-ilma ma' wicci u bdejt gejja f'tieghi. Sakemm missieri mar ghal karozza biex johodni l-isptar rega' gie Agostino u hataf it-tifla z-zghira minn idejn ommi. Jiena ppruvajt inqum biex nohodha lura. Agostino qabadni minn xaghri u beda` jsabbatli wicci ma' l-art. Lil ommi, li ppruvat tiddefendini, qabad itiha bis-sieq u bil-ponn. Meta gie missieri ppruvajna nevitaw izjed inkwiet hrigna imbenglin mid-dar u minghajr ma jaf x'gara wassalna l-isptar."*

Illi meta imbaghad zewgha ttella' l-Qorti hija u anke ommha hafrulu bil-patt li ma jergax issawwathom. Madankollu xorta baqa' jerfa' jdejh. Illi minhabba dawn il-problemi hija ghaddejja minn problemi emottivi kbar. Hija qalet li ma tistax tahdem peress li t-tfal ghadhom zghar wisq.
Illi fil-kontro-ezami xehdet li l-inkwiet ta' bejniethom beda` qabel iz-zwieg. Illi rigward il-fond matrimonjali hija qablet li d-dar inxtrat minn zewgha qabel iz-zwieg u li kien hallas hu pero' id-dejn kompla tul iz-zwieg. Huwa kellu d-dejn mal-genituri taghha kif ukoll ma' bank lokali. Hija qalet ukoll li minn mindu telqet mid-dar hija qeghda tghix m'ommha. Huwa jara lit-tfal erba' darbiet f'gimgha.

Illi rigward l-allegat swat qalet li dan kien ikun esagerat pero' hija qatt ma rrappurtat lill-Pulizija. Bdiet tirrapporta minn mindu telqet mid-dar. Mistoqsija dwar certu Joseph Mallia rrispondiet li dan gieli ghamel xi xoghol ghand ommha. Hija qablet li fl-imghoddi qabel ma harget ma' zewgha, meta kellha hmistax-il sena, hija kienet damet xi hames xhur tohrog ma' dan Mallia. Hija ma qablitx li zewgha ghamel sforz biex jghinha kif titkellem. Illi dwar rapporti mal-Pulizija gieli kellha pero' mhux ghax it-tfal ma ridietx taghtihomlu izda ghax huma ma kenux iridu jmorru. Fl-ahharnett sostniet li l-familjari ta' zewgha ma jahmluhiex.

Illi xehed ukoll **Maverick Gatt,** hu l-attrici, li xehed li kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg ohtu u Agostino kienu jiggieldu. Il-problema kienet tkun dejjem l-istess cjoe' li allegatament kien ikun hemm xi mara ohra nvoluta. Problema ohra kienet li l-paga kien josforha. Huwa qal li kienu sabulu anke karti tal-loghob li jibghatuhomlu barra minn Malta. Mhux hekk biss imma kien jixtri l-karozzi, jipprova jirrangahom u dejjem jonfoq il-flus. Huwa nnifsu kien xtralu karozza erba' mitt lira u ghadu ma hallsux. *Inoltre* anke ommu kienet ittiha hafna flus.

Illum il-gurnata qed ikun hemm il-glied dwar l-access tat-tfal. Illi dwar jekk qattx kien prezenti meta kien hemm xi glieda huwa qal li darba minnhom spicca gewwa minhabba fih. Huwa qal li hija kienet tiehu hsieb lil zewgha ghalkemm huwa kien igerger mieghu fuqha ghax kien jghid li ma kienet tajba ghal xejn. *Inoltre* huwa qal li hafna drabi kien johdilhom ix-xirja huwa. Illi rigward il-fond matrimonjali kkonferma li dan inxtara minn qabel iz-zwieg, li kien sar id-dejn fuqu u li kien prezenti meta ommu sellfitilhom elfejn lira Maltin.

Illi **Alfred Gatt,** missier l-attrici, xehed li meta l-konvenut kien imur ghandhom huwa ma kienx ikellmu ghax kien jara li kollox kif kien jghid huwa. Meta zzewget u kien imur ghandha bil-basktijiet ta' l-ikel li kienu jixtrulhom huma kien dejjem isib lil bintu bil-geddum. Meta kien jistaqsiha r-raguni hija ma kenitx tghidlu imma kienet tghid lil ommha. Huwa jaf li ghax kellha l-inkwiet mieghu ghax skond kif qaltlu martu huwa kien isawwatha. Kien hemm darba fejn sab lil bintu mal-art, kellha daqqiet go darha u rasha. Hija qaltilhom li hu kien sawwatha. Dakinhar kien inqala' incident fejn il-konvenut sawwat lil mart ix-xhud. Kienu spiccaw l-isptar. Huwa qal ukoll li l-konvenut dejjem kien jitlobhom il-flus u ghandu jaghtihom hamsa u disghin lira Maltija (Lm95). Huwa qatt ma rahom jiggieldu. Xehed li l-konvenut gieli gerger mieghu li bintu ma ssajjarx tajjeb. Huwa dejjem kien imaqdarha. Jaf li darba minnhom telqet mid-dar ghax kien isawwatha.

Illi omm il-konvenut, **Mary Agius,** xehdet li l-attrici u binha kemm-il darba ggieldu meta kienu gharajjes. Illi meta

zzewgu, omm l-attrici kienet tkun spiss ghandha u hija dejjem m'ommha. Hija qalet li l-attrici dejjem mohhha fin-nies u fitta zzejjed. Illi binha ghamel zmien qata' mid-dar u dan allegatament minhabba li martu hekk kienet tghidlu. Hija dejjem kienet bil-geddum mat-tfal l-ohra taghha u tgerger minhabba l-ilbies imqaccat ta' nisa ohra b'dan illi l-ilbies taghha kien ukoll ikun indecenti. Minn mindu nqala' l-inkwiet bejn binha u martu l-attrici ma resqitx aktar lejn id-dar taghha. Fl-ahharnett qalet li binha ma kien jghidilha xejn dwar ir-relazzjoni li kellu ma' martu.

Illi **Monica Zammit,** oht il-konvenut, xehdet li l-attrici kienet tghir u qalghet xi nkwiet ma' l-gharus taghha u gellditha minn ma' huha tant li lanqas it-tieg taghha ma mar. Illi huha kwiet u qatt ma qala' nkwiet id-dar. Huwa kien jghidilha b'kollox izda wara li sar jaf lil martu ma baqax jiftah qalbu maghha. Minn mindu rega' spicca wahdu huha avvicina ruhu lejha mill-gdid. Xehdet li mhux l-ewwel darba li huha mar ghat-tfal u ma tathomlux u dan gara anke fil-prezenza taghha u ta' zewgha. L-attrici ghandha karattru difficli hafna u ghal kull haga ta' xejn tippika ma' zewgha.

Illi **l-konvenut, Augustine Agius** xehed li qabel ma zzewgu damu disa' snin gharajjes. Hija kellha problema ta' komunikazzjoni ghax ma kenitx titkellem u huwa kien jghallimha tant li marret hafna ghall-ahjar. Huwa qal li hija kienet minn dejjem tghir kif ukoll kien hemm indhil minn ommha. Huma dejjem kienu joqghodu ghassa tieghu. Huwa qal li ma kellu l-ebda relazzjoni ma' nisa ohra la meta kienu mizzewgin u lanqas wara li spiccaw.

Illi martu sa anke waslet biex tahseb hazin f'ohtu. Minhabba fiha huwa tbieghed minn ma' familtu. Qal li kien hemm incident mal-familjari tieghu partikolarment bejn martu u ohtu Monica Zammit. Huwa qal li kemm-il darba refghet idejha fuqu, it-tfal kienu jdejquha u dejjem takkuzah li kellu wicc haddiehor. Huwa qal li kien jiddefendi ruhu meta kienet terfa' jdejha u darba minnhom ghamlet ghalih b'sikkina u ghandu hames madumiet imkissra fil-kcina ghax kissrithom hija. Huwa xehed li kien jaghtiha l-paga u kien izomm xi haga zghira ghalih. Hija

kienet tiehu hsieb kollox fid-dar. Illi ftit qabel ma sseparaw martu xtrat karozza valur ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200). Huwa ghandu Datsun li tahielu r-ragel t'ohtu biex jinqeda b'valur ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150).

Illi rigward it-tlett itfal taghhom huwa jixtieq li jkunu mieghu. Bhalissa ghandu access ghalihom kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-5.00 p.m. sas-7.00p.m u s-Sibt mill-10.00a.m. sal-4.00p.m. Huwa ghandu relazzjoni tajba maghhom u mieghu jiehdu pjacir. Apparti l-manteniment huwa jonfoq flus ohra fuq it-tfal bhal ikel meta jkunu mieghu.
Illi martu qeghda tghix m'ommha. Qal illi fil-passat kienet tahdem ta' *cleaner*. Huwa qal illi minn mindu bdew jiggieldu ra kambjament fiha f'kollox anki fl-ilbies. Illi huwa allega li martu ghandha hbiberija ma' certu Joseph li kienet tohrog mieghu qabel ma zzewgu.

Illi d-dar matrimonjali xtraha huwa qabel iz-zwieg fuq ismu. Meta dahlu fiha kienet lesta. Ommha kienet sellfitu elfejn lira Maltija (Lm2,000) u saret skrittura li minnhom huwa tahom hames mitt lira Maltija (Lm500). Ghad hemm id-dejn fuq id-dar li qed jithallas minnu li jammonta ghal sebghin lira Maltija (Lm70) fix-xahar. Barra minn hekk ihallas mija u erbatax-il lira Maltija (Lm114) manteniment lil martu. Bhala paga huwa ghandu sebgha u tmenin lira Maltija (Lm87) fi hmistax li minnhom iridu jinqatghu t-taxxa u l-bolla. Barra dan kollu ghandu l-ispejjez tad-dar. B'hekk il-manteniment ihoss li huwa wisq. Illi kien hemm perjodu ta' tlett xhur fejn hu ma rax lit-tfal ghax ma kenitx tehodhomlu. Imbaghad wara li dehru l-Qorti s-sitwazzjoni rrangat.

## (III) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan iz-zwieg ma kienx wiehed felici u bla ebda dubju dan tkisser b'mod irrimedjabbli. Jidher illi tezisti bejn il-partijiet inkompatibilita' ta' karattru u din kienet evidenti anki qabel ma zzewgu ghax huma stess xehdu li kienu jiggieldu. Meta zzewgu mbaghad is-sitwazzjoni aggravat ruhha. Il-

partijiet ghamlu hafna allegazzjonijiet fil-konfront ta’ xulxin li pero’ mhux kollha gew sostanzjati u ppruvati.

Illi l-attrici allegat li l-konvenut kien jonfoq kull ma kellu, li kien isawwatha, dejjem imaqdarha u li kien dejjem mohhu fin-nisa u infatti allegat li huwa kellu diversi relazzjonijiet. Illi fix-xhieda taghha qalet li huwa kien icahhadha mill-paga u l-flus li kienet iggemma’ kien jehodhom kollha lura. Hija sostniet li kienet tghix bl-akkarija u b’dak li kienu jaghtuha l-genituri taghha. Huwa kien icahhad lilha u lil uliedhom mill-affarijiet essenzjali bhal ma huma l-ikel u l-hwejjeg. Sussegwentement skopriet li huwa kien qed jilghab l-loghob ta’ l-azzard minn fuq l-idejn u anke ma’ barra minn Malta tant hu hekk li kien jircievi karti f’dan is-sens.  Infatti hija esebiet zewg dokumenti (Dok. “JA 3” u “JA 4” a fol. 28 u 29 tal-process) biex tipprova dan. Il-konvenut minn naha tieghu ma cahadx dawn id-dokumenti u lanqas l-allegazzjoni nnifisha. *Inoltre* l-allegazzjoni ta’ l-attrici li huwa kien ihalliha nieqsa mill-flus giet korroborata mix-xhieda ta’ hu u missier l-attrici. Infatti t-tnejn li huma xehdu li kienu jehdulha x-xirjiet bl-ikel.

Illi jinghad a propositu u f’dan l-istadju li huwa minnu li dawn iz-zewg xhieda ma kenux dikjarati fil-lista tax-xhieda. Illi pero’ meta huma taw ix-xhieda taghhom fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2001 kien hemm prezenti Dr. Bezzina ghall-konvenut u li m’oggezzjonatx li dawn ix-xhieda jixhdu. *Inoltre* ma ttiehdu l-ebda proceduri sabiex tali xhieda tigi sfilzata. Allura din il-Qorti thoss li bl-agir tieghu, l-konvenut accetta tali tali xhieda u certament ma hijiex procedura li l-konvenut fl-istadju tan-nota ta’ osservazjonijiet huwa jitlob li x-xhieda taghhom ma tigix ikkunsidrata u li tali xhieda tigi sfilzata. Dan messu sar minnu hafna qabel fil-mori tal-kawza bil-procedura idoneja, u il-fatt li l-istess konvenut naqas li jaghmel dan u halla li ssir tali xhieda bla ebda reazzjoni, lanqas fil-hin opportun, ifisser li l-istess konvenut accetta li tinghata l-istess xhieda u ghalhekk din il-Qorti ser u qed tammetti din ix-xhieda u tikkonfermaha l-permissibbilita’ ta’ l-istess b’dan id-digriet hawn stess f’din is-sentenza, li bih ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u fl-interess tal-gustizzja tawtorizza x-xhieda ta’ l-istess indikati hu u missier l-

attrici, li fuq kollox l-konvenut qatt ma oppona ghall-produzzjoni taghhom waqt is-smigh tal-provi f'din il-kawza.

Illi ghar-rigward ta' gurisprudenza fis-sentenza fl-ismijiet **"Tanya mart Emanuel Montesin pro et noe vs Emmanuel Montesin"** (P.A. (RCP) 17 ta' Novembru 2003 - Cit. Nru :1311/00/RCP) saret referenza ghal dak li ntqal fi **"Speranza Salerno vs Giuseppe Salerno"** (Vol. XXVIII F p.441 – Onorevoli Imhallef L. A. Camiller – 30 ta' Gunju 1933) fejn gie ritenut:-

*"che l'avarizia quando e' portata agli eccessi puo' essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale".*

Illi ukoll fis-sentenza **"Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello"** (P.A. (VDG) – 12 ta' Novembru 1999) inghad illi *"fil-fehma tal-Qorti l-fatt li r-ragel icahhad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xhih maghha f'dan ir-rigward b'mod li jwassalha biex tirrikorri ghal ghand il-familjari taghha ghall-flus jew ghal strattagemmi bhal ma jidher li wettqet l-attrici jammonta ghal eccessi fis-sens ta' l-artikolu 40 tal-Kodici Civili."*

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija ta' l-opinjoni li gie konkludentement ippruvat mill-attrici fil-grad li trid il-ligi li l-konvenut huwa hati ta' eccessi fil-konfront ta' l-attrici u uliedha u dan peress li kien izomm lill-attrici u lil uliedha fil-bzonn, mentri huwa kien izomm mohbi mill-attrici x'kien qed jaghmel bl-introjtu tieghu u senjament li kien juza l-istess mezzi tieghu sabiex jalimenta l-vizzju tal-loghob tal-azzard li kellu.

Illi l-attrici allegat ukoll li zewgha kien isawwatha u f'dan l-attrici giet kkoroboratah minn missierha li rrefera wkoll ghall-incident li hija semmiet fl-affidavit taghha ghalkemm jghid ukoll li huwa ma rahx isawwatha; jghid ukoll li dakinhar il-konvenut spicca sawwat lil martu. Illi dwar dan l-incident kien hemm rapporti wkoll l-ghassa u proceduri l-Qorti fejn l-attrici ghazlet li tahfer lil zewgha. Izda mix-xhieda ta' l-attrici ma jirrizultax li dan kien incident izolat u fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-

attrici hija fil-fatt kredibbli u l-konvenut verament refa' idejh fuq martu diversi drabi u wkoll f'xi okkazzjoni fuq il-familjari taghha; ghalhekk wara li ezaminat il-provi kollha bir-reqqa din il-Qorti thoss b'konvinciment morali li l-provi prodotti juru li l-konvenut kien fil-fatt ikun vjolenti ma' l-attrici waqt id-diversi argumenti ta' bejniethom.

Illi l-attrici sostniet ukoll li zewgha kien iffissat fuq in-nisa u hija allegat li huwa kellu diversi relazzjoniet ma' diversi nisa. Anki huha qal li l-problema bejniethom dejjem kienet ghax kien ikun hemm mara ohra nvoluta. Il-konvenut innifsu cahad li qatt kellu xi relazzjoni kemm waqt iz-zwieg kif ukoll issa wara li nfirdu. Illi l-Qorti thoss li pero' *nonostante* dawn l-allegazzjonijiet kollha l-attrici f'dan ir-rigward, hija din id-darba ma rnexxilhiex tipprova li fil-fatt il-konvenut ikkommetta adulterju fis-sens rikjest mill-ligi u kif spjegat fil-gurisprudenza applikabbli.

Illi minn naha tieghu l-konvenut ukoll allega li martu kkommettiet adulterju ma' ragel li kienet tohrog mieghu qabel ma kienet iltaqghet ma' l-istess konvenut. Illi pero' ghalkemm l-istess attrici semmiet lil dan l-individwu fix-xhieda taghha hija qatt m'ammettiet li kellha xi relazzjoni mieghu. Anke f'dan il-kaz pero' l-konvenut ma rnexxielux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu fil-grad rikjest mill-ligi. Ghalhekk din l-allegazzjoni minn naha tal-konvenut baqghet biss allegazzjoni li bl-ebda mod ma giet sostanzjata u ghalhekk m'hijiex pruvata.

Illi *inoltre* l-konvenut sostna li martu kienet persuna ghajjura hafna. Dan skond huwa urietu sa mill-bidu ta' l-eghrusija taghhom meta kienet anke tahseb hazin f'ohtu u tallega affarijiet fuqhom. Din l-ghira taghha, jghid il-konvenut, waslet biex huwa jinqata' minn mal-familjari tieghu ghal xi zmien. Mhux hekk biss izda jghid li matul iz-zwieg hija flimkien m'ommu kienu jsegwulu l-passi u kienet kontinwament takkuzah li ma kienx qed ikun fidil lejha. Illi ghal din l-allegazjoni, l-konvenut ressaq ix-xhieda ta' ohtu,  Monica Zammit u ta' ommu biex tikkoroborah. Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm xi azzjonijiet ta' l-attrici f'dan ir-rigward ma ghinx ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti izda din ir-reazzjoni *da parte* ta' l-attrici, mhux fil-grad pretiz

mill-konvenut, kienet l-aktar dovuta ghall-fatt li l-konvenut kien sistematikament jahbi l-operat tieghu mill-attrici u meta dan jittiehed fl-isfond ta' l-abbuzi li l-konvenut ikkommetta fil-konfront ta' l-attrici anke sabiex jaqdi l-vizzijiet tieghu ta' loghob ta' azzard certament ma jwasslux lill din il-Qorti sabiex issib xi tort skond il-ligi kontra l-attrici fil-kuntest ta' l-ewwel talba attrici.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u b'hekk is-separazzjoni mitluba ghandha tigi akkordata ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi, theddid u mohqrija inkluz swat u vjolenza domestika, u fejn il-konvenut halla lill-attrici u lil uliedha fil-bzonn anke minhabba l-loghob tal-azzard tieghu

Illi f'dan il-kuntest it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha u din il-Qorti tapplika l-effetti ta' l-**artikolu 48 tal-Kap.16** fil-konfront tal-konvenut.

Illi fit-tielet talba taghha l-attrici qed titlob manteniment xieraq ghaliha u ghal uliedha minuri. Illi fl-ewwel lok l-attrici ma talbitx il-kura u l-kustodja tal-minuri fic-citazzjoni pero' imbaghad irreferiet ghaliha fin-nota. Il-konvenut minn naha tieghu talab il-kura u l-kustodja tat-tfal.

Illi t-tlett minuri dejjem baqghu jghixu ma' l-omm b'access ghal missierhom. Kien hemm xi zmien fejn jidher li kien hemm problema dwar l-istess access izda issa jidher li s-sitwazzjoni tjiebet u l-missier stess iddikjara li lit-tfal jarhom. Huwa xehed li ghandu relazzjoni tajba ma' l-istess uliedu. Bl-ebda mod ma gie ppruvat u lanqas allegat li l-omm m'hijiex qed tiehu hsieb uliedha sew. Ghaldaqstant din il-Qorti ma thossx li jkun fl-interess suprem tal-minuri li huma jkollhom access ragonevoli ghall-istess konvenut.

Illi ghalhekk il-kura u l-kustodja tat-tlett minuri ghandha tkun f'idejn l-attrici b'access ghall-missier kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mis-6.30p.m. sat-8.00p.m. u kull nhar ta' Sibt mill-10.00a.m. sa l-4.00p.m. L-istess ulied ghandhom jittiehdu u jingabu lura mill-konvenut mir-residenza ta' l-istess attrici, b'dan li l-kura u l-kustodja u l-access ghandu

jkun ezercitat fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost ghal kull parti li m’humiex familjari tal-partijiet.

Illi in kwantu ghall-manteniment, is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-konvenut sabiex *pendente lite* ihallas lil martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) u ghall-minuri tnejn u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm72.50). Illi fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, din il-Qorti thoss li m’ghandhiex tvarja tali ammont b’dan pero’ li tali manteniment ghandu jinqata’ direttament mill-paga ta’ l-istess konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha. Illi infatti, ghalkemm fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa u ddikjara li martu ghandha mpjieg fiss huwa naqas li jgib provi dwar dan u ghalhekk ma rnexxielux jipprova tali allegazzjoni.

Illi in kwantu ghall-komunjoni ta’ l-akkwisti din qed tigi ddikjarata xolta mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi rigward il-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti l-attrici ghamlet lista fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha. Dwar dan il-konvenut ikkomenta li dawn kellhom jitressqu fl-istadju tal-provi, u *in verita* hekk huwa, pero’ din il-Qorti tinnota li l-istess konvenut imkien ma kkontrasta l-istess lista, izda qal biss li l-istess oggetti kellhom jigu divizi bejn il-partijiet u l-Qorti thoss li hekk ghandu jsir, ghalkemm dan ser issir minnha *arbitrio boni viri,* ghaliex il-partijiet la pprezentaw pjan ta’ qasma u lanqas valuri ta’ l-istess mobbli. Ovvjament dan ma jirrifletttix tajjeb fuq il-mod li l-partijiet ressqu l-provi taghhom tul erba’ snin shah ta’ kawza, fejn kellhom diversi opportunitajiet sabiex jaghmlu dan u ghalhekk din il-Qorti hija kostretta li tiddeciedi fuq dak li jirrizulta mill-atti kollha tal-kawza, u fejn li l-istess konvenut ghat-talba attrici, sabiex tigi diviza l-komunjoni ta’ l-akkwisti f’paragrafu 4 ta’ l-eccezzjonijiet tieghu qabel ma’ dan ghalkemm jghid li s-sehem tieghu ghandu jkun iktar minn nofs indiviz minhabba l-adulterju allegat minnu fil-konfront ta’ martu, allegazzjoni, kif gja inghad pero’ ma gietx ippruvata.

Illi jirrizulta ghalhekk li l-mobbli formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, apparti l-vetturi, (li ser jigu trattatti iktar il’ quddiem) jikkonsistu fis-segwenti: *televisions, video* u *stereo*; sufan abjad; *half table* tal-kewba; *corner* bl-ixkafef; mejda tat-*tv*; mejda bajda tas-salott; imrewha kbira dekorattiva; zewwg brazzi; zewg geyzers; *automatic washing machine*; set tas-sodda tat-tfal; tlett *quilts*; kwadru tal-Qalb ta’ Gesu; *corner* bil-hgieg; ceramika u figurini; trammiggani; kumpressur; *wedding set*; tapit tal-kamra tat-tfal; tapit vjola u tapit *peach*; par purtieri tat-*tv room* u vazuni.

Illi minn dawn l-oggetti kollha din il-Qorti tassenja *arbitro boni viri* lill-attrici s-segwenti oggetti:- *television* u *video*; *corner* bl-ixkafef, mejda tat-*tv,* imrewha kbira dekorattiva, set tas-sodda tat-tfal, zewg *quilts,* kwadru tal-Qalb ta’ Gesu’, ceramika u figurini, *wedding set,* tapit tal-kamra tat-tfal. Illi l-kumplament ta’ l-oggetti l-ohra huma assenjati lill-konvenut senjatament: *television* u *stereo,* sufan abjad, *half table* tal-kewba; mejda bajda tas-salott, zewg brazzi, zewg *geyzers, automatic washing machine, quilt*, *corner* bil-hgieg, tramiggiani, kumpressur, tapit vjola u tapit *peach,* par purtieri tat-*tv* room u vazuni.

Illi rrizulta wkoll mill-provi li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkomprendi wkoll fiha tlett karozzi cjoe’ vettura Datsun KAJ 183 regstrata f’isem Agostino Agius, vettura Austin Metro DAL 313 registrata f’isem Agostino Agius u Renault li nxtrat mill-attrici ftit qabel ma l-partijiet isseparaw. Illi l-konvenut iddikjara li l-vettura, Datsun mhux tajba ghat-triq u li ser jiehu n-*number plates* ghand id-Direttur tal-Licenzji. Illi ma ngabet l-ebda prova kuntrarja ghal din id-dikjarazzjoni. Illi dwar il-vettura Mini, Metro, l-konvenut iddikjara li xtraha ghall-prezz ta’ mitt lira Maltija (Lm100). L-ebda prova ma ngabet kuntrarja. Dawn iz-zewg karozzi qed jigu assenjati lill-istess konvenut. Illi rigward il-karozza Renault, l-konvenut iddikjara li din inxtrat ghall-prezz ta’ elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200). L-ebda prova kuntrarja ma ngabet, lanqas dwar il-valur attwali ta’ l-istess karozza. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ghandha tassejna l-ahhar imsemmija vettura lill-attrici, b’dan li thallas kumpens lill-konvenut ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300)

konsiderata wkoll id-diprezzament ta’ l-istess vettura u l-assenjazzjoni tal-vetturi l-ohra lill-konvenut, b’dan li jigi ddikjarat li din l-assenjazzjoni u l-valuri hawn imsemmija qed jigu stabbiliti biss taht il-massimu ta’ *arbitro boni viri.*

Illi fil-hames u l-ahhar talba taghha, l-attrici talbet li tigi assenjata esklussivament id-dar konjugali lilha. Illi fir-rigward ta’ l-istess jirrizulta li mill-provi prodotti li l-fond matrimonjali, Ave Maria, Triq il-Plejju, Ta’ Paris, Birkirkara huwa proprjeta’ parafernali tal-konvenut. Dan mhux kontestat lanqas mill-attrici nnifisha u fil-fatt jirrizulta li l-konvenut xtara f’ismu l-istess fond fi stat ta’ gebel u saqaf b’kuntratt tat-3 ta’ Mejju 1988 tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, bil-prezz ta’ sebat elef u mitejn lira Maltija (Lm7,200). Illi jirrizulta li sabiex ghamel dan huwa ha’ self ta’ sitt elef u mitejn lira Maltija (Lm6,200) minn dak iz-zmien il-Lohombus Corporation, u dan is-self ghadu vigenti pero’ f’ammont li ma giex indikat mill-partijiet, u allura dan jfisser li saru pagamenti in virtu’ ta’ l-istess kuntratt imsemmi ghall-hlas ta’ tali self, kemm qabel iz-zwieg bejn il-kontendenti li sar fil-15 ta’ Marzu 1992 u kemm wara z-zwieg. Il-konvenut meta xehed qal li qed ihallas l-istess self bir-rata ta’ sebghin lira Maltija (Lm70) fix-xahar, u ghalhekk jirrizulta mill-ftit provi li saru mill-partijiet f’dan ir-rigward li l-istess dejn kompla jithallas wara z-zwieg minn fondi appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Minn wara z-zwieg ghaddew ghoxrin (20) sena ta’ tali hlasijiet u milli jirrizulta minn dak li xehed il-konvenut stess, dan id-dejn ghadu qed jithallas sa llum.

Illi ghalhekk minhabba l-ezistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti mill-mument taz-zwieg, l-ammont li kien qed jithallas fix-xahar biex jinqata’ l-istess dejn kien qed johrog mill-assi ta’ l-istess komunjoni u ghalhekk fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-attrici ghandha d-dritt li tigi rifuza bis-sehem li kien jappartjeni lilha sabiex thallas *in parte* l-istess self fuq il-proprjeta’ ta’ zewgha. Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu qal illi jhallas sebghin lira Maltija (Lm70) fix-xahar. Illi b’hekk, jekk jigi attwat tali kalkolu jfisser li s-sehem ta’ l-attrici minn tali pagamenti lill-Bank kien fl-ammont ta’ hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fix-xahar mid-data taz-zwieg sa llum. Il-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Marzu 1992.

Kwindi minn dakinhar sa llum ghaddew mitejn u hamsa u erbghin (245) xahar. B’kollox ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-martu l-ammont ta’ tmint elef, hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm8,575 – Lm35 x 245 xahar). Illi minhabba li l-attrici minn naha taghha ghandha taghti lill-istess konvenut l-ammont ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300) kif fuq spjegat ghandha ssir tpacija u konsegwentement il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta’ tmint elef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm8,275).

Illi b’effett mid-data ta’ din is-sentenza pero’ u *in vista* tax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, l-istess d-dejn u self kollu gravanti l-istess immobbli jibqa’ a karigu esklussiv tal-konvenut inkluz dak dovut lill-Lohombus Corporation Limited jew is-successuri fit-titolu taghha u kull debitu iehor.

Illi rrizulta mill-provi li l-konvenut issellef l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) minghand il-genituri ta’ l-attrici qabel iz-zwieg minhabba l-post li kien se jixtri. L-istess konvenut xehed li ssellef dan l-ammont u sostna li diga’ hallas hames mitt lira Maltija (Lm500) minnhom. Illi l-attrici fin-nota taghha qed issostni li dan l-ammont huwa parafernali taghha. Din il-Qorti ma taqbilx ma tali sottomissjoni ghax dan l-ammont jew bilanc minnhom jispetta lill-genituri ta’ l-istess attrici u ghalhekk *se mai* ghandhom ikunu huma li jibdew il-proceduri necessarji biex jirkupraw l-istess ammont, anke jekk tali dejn jirrizulta ammess mill-konvenut fil-konfront tal-genituri ta’ l-attrici, kif jidher mix-xhieda tieghu a fol. 79 tal-process tal-21 ta’ Gunju 2002 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi.

Illi l-attrici semmiet lista ta’ l-affarijiet li hija qed issostni li huma parafernali ghaliha cjoe’ *main bedroom set* Swan, *bedspread, cooker* u *fridge freezer*. Illi pero’ hija ma esebiet l-ebda ricevuti biex tissostanzja din it-talba u ghalhekk minhabba l-prezunzjoni fil-ligi dawn ghandhom jigu kkunsidrati li jifformaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghalhekk din il-Qorti tassenja l-*main bedroom*

lill-attrici filwaqt li l-*bedspread, cooker* u *fridge freezer* tassenjahom lill-konvenut dejjem *arbitro boni viri.*

Illi f'dan l-istadju jigi nnutat li l-attrici *tramite* d-difensur taghha taghmel fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha diversi riferenzi ghad-dokumenti li hija ssejhet bhala Dok. "JA 5", "JA 6", "JA 7", "JA 8", "JA 9", "JA 10" u "JA 11", izda dawn id-dokumenti ma jirrizultax li kienu esebiti, la waqt il-gbir tal-provi, u lanqas man-nota ta' l-osservazzjoniet. Il-Qorti sabiex tkun certa dwar dan rat il-process diversi drabi anke mad-Deputat Registratur taghha, Mario Debono, izda ma jirrizultax li tali dokumenti qatt gew esebiti, u dan lanqas man-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici datata 25 ta' Gunju 2003, peress li fl-istess nota hemm ittimbrat li din giet prezentata bla ebda dokument. Illi certament li tali riferenza ghall istess dokumenti hawn imsemmija m'hijiex serja u saret ukoll abbusivament.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn premess, hlief ghall-hames talba li qed tigi michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, izda tilqa' s-sitt eccezzjoni dwar id-dar matrimonjali, u filwaqt li **tichad il-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut b'dan li l-ewwel talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi akkordata ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi, theddid u mohqrija inkluz swat u vjolenza domestika, u fejn il-konvenut halla lill-attrici u lil uliedha fil-bzonn anke minhabba l-loghob ta' l-azzard tieghu

2. Tapplika l-effetti kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap.16** *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

3. Tilqa' t-tielet talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Mariorie, Lynette u Beverley f'idejn l-attrici b'access ghall-konvenut fil-granet u hinijiet segwenti: kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mis-6.30p.m. sat-8.00p.m. u kull nhar ta' Sibt mill-10.00a.m. sa l-4.00p.m. L-istess ulied ghandhom jittiehdu u jingiebu lura mill-konvenut mir-residenza ta' l-istess attrici, b'dan li l-kura u l-kustodja u l-access ghandu jkun ezercitat fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost ghal kull parti li m'humiex familjari tal-partijiet.

Illi tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri, manteniment fl-ammont ta' mija u tnax il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm112.50) fix-xahar, kwantu ghal erbghin lira Maltija (Lm40) ghall-attrici u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm72.50) ghall-minuri, b'dan li tali manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u l-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-*employer* ta' l-istess konvenut a spejjez attrici, sabiex l-istess jaderixxi ruhhu ma' l-istess.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod kif gej u cjoe' li tikkonsisti fis-segwenti mobbli, (apparti vetturi u oggetti ohra li ser jigu kkonsidrati aktar 'il quddiem u cjoe':- *televisions*, *video* u *stereo,* sufan abjad, *half table* tal-kewba, *corner* bl-ixkafef, mejda tat-*tv,* mejda bajda tas-salott, imrewha kbira dekorattiva, zewg brazzi, zewg *geysers, automatic washing machine*, set tas-sodda tat-tfal, tlett *quilts*, kwadru tal-Qalb ta' Gesu, *corner* bil-hgieg, ceramika u figurini, trammiggani, kumpressur, *wedding set,* tapit tal-kamra tat-tfal, tapit vjola u tapit *peach,* par purtieri tat-*tv room* u vazuni, *main bedroom, bedspread, cooker* u *fridge freezer*. Dan apparti tlett karozzi li ser jigu iktar 'il quddiem imsemmija, u oggetti ohra.

Illi minn dawn l-oggetti kollha din il-Qorti tassenja s-segwenti oggetti lill-attrici: *main bedroom, television* u

*video,* corner bl-ixkafef, mejda tat-*tv,* imrewha kbira dekorattiva, set tas-sodda tat-tfal; zewg *quilts*; kwadru tal-Qalb ta’ Gesu’, ceramika u figurini, *wedding set*, tapit tal-kamra tat-tfal li l-konvenut ghandu jikkonsenja lill-attrici fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi l-kumplament ta’ l-oggetti l-ohra huma assenjati lill-konvenut senjatament: *television* u *stereo*; sufan abjad, *half table* tal-kewba, mejda bajda tas-salott, zewg brazzi, zewg *geyzers, automatic washing machine, quilt, corner* bil-hgieg, tramiggiani, kumpressur, tapit vjola u tapit *peach,* par purtieri tat-*tv room,* vazun, *bedspread, cooker* u *fridge freezer*.

Illi l-istess konvenut qed jigi assenjat ukoll il-vetturi tal-marka Datsun u Mini Metro, kollox kif indikati fl-istess atti proceswali, filwaqt li l-attrici qed tigi assenjata l-vettura Renault b’dan li ghandha tikkompensa lill-konvenut bl-ammont ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300), li pero’ ser jigu pacuti kif iktar l-isfel provdut b’din is-sentenza ma’ kreditu taghha kontra l-konvenut

Illi f’dan il-kuntest jinghad li d-dar matrimonjali “Ave Maria”, Triq il-Plejju, Ta’ Paris, B’kara hija proprjeta’ parafernali tal-konvenut, izda minhabba dak fuq indikat din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ghandu jaghti lil martu l-ammont ta’ tmint elef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm8,275), tali amont rapprezentanti sehem l-attrici bhala kompartecipi mill-komunjoni ta’ l-akkwisti mill-hlasijiet li saru matul iz-zwieg ghall-hlas tad-dejn u self ezistenti fuq l-istess fond, li b’kollox jammonaw ghal tmint elef u hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm8,575 – Lm35 x 245 xhur), li minnhom tnaqqsu l-ammont ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm8,575 - Lm300 = Lm8,275) rapprezentanti kumpens dovut minnha lill-konvenut fuq il-karozza hawn assenjata lilha, kif fuq deciz, u b’dan ghalhekk li din il-Qorti konsegwentement tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici l-ammont ta’ tmint elef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm8,275) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

Illi fl-ahharnett d-dejn kollu gravanti l-istess immobbli jibqa' a karigu esklussiv tal-konvenut inkluz dak dovut lill-Lohombus Corporation Limited jew is-successuri fit-titolu taghha u kull debitu iehor.
5. Tichad il-hames (5) talba attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------